# FI TWELID SIDNA

Ja belt ta' David, ġawhra tal-Lhudija,
Stenbaħ min-ngħas, ilqa' ta' l-Anġli l-bxara,
Wasal iż-żmien imnebbaħ mn'Isaija,
Mistenni mill-bnedmin bi kbira ħrara.

Ilqa' fi ħdanek 'l Alla, Bin Marija
Magħmul tarbija ċkejkna, u għum fix-xmara
Tan-nar ta' mħabbtu, Hu l-Messija,
Għalkemm imsaħħan biss minn baqra u ħmara.

Anġli tad-dawl, dewqulna l-ferħ tal-ġenna.
Għannu das-sebħ ta' fidwa u sliem għall-bniedem,
La tieqfu xejn, sabiex kull qalb tithenna.

Naqqax, Mulej, fi qlubna din il-ġrajja,
Iġbidna Lejk, f'imħabbtek ilqa' n-niedem,
Għax Inti d-Dawl, it-Triq, is-Sewwa, l-Ħajja.

VAL. V. BARBARA, O.P.